



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

13047/18

CADREFIN 257
RESPR 36
POLGEN 176
FIN 782

NOTA

minn: Presidenza

lil: Kunsill

Sugġett: Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027: Is-sitwazzjoni attwali

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness nota mill-Presidenza li tiddeskrivi s-sitwazzjoni attwali rigward il-proposti tal-Kummissjoni adottati fit-2 ta' Mejju 2018 dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027, fid-dawl tal-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali fis-16 ta' Ottubru 2018.

I. INTRODUZZJONI

1. F'konformità mal-gwida tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2018, il-Presidenza qed tipprova timxi 'l quddiem fil-ħidma fuq il-pakkett tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) b'mod komprensiv u malajr kemm jista' jkun.
2. Il-Presidenza tixtieq tkompli tinforma lill-Ministri dwar l-eżami tal-pakkett tal-QFP fil-Kunsill, sabiex tiffaċilita l-ħidma fil-livelli kollha. Dan it-tieni¹ rapport jiddeskrivi l-ħidma li twettqet mill-Kunsill Affarijiet Ġenerali (KAĠ) preċedenti 'l hawn abbażi tad-diskussjonijiet li saru fil-grupp ta' ħidma ad hoc kif ukoll fil-grupp ta' ħidma dwar ir-Riżorsi Proprji, u l-kontribut mid-delegazzjonijiet bejn id-19 ta' Settembru u l-5 ta' Ottubru 2018.
3. Wara diskussjonijiet fil-laqgħa tal-KAĠ tat-18 ta' Settembru 2018, il-Presidenza bdiet ħidma fil-livell tekniku biex tidentifika elementi possibbli tal-abbozz futur tal-Kaxxa ta' Negożjar (NB) fil-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc dwar il-QFP (erba' laqgħat²), filwaqt li komplet bl-eżami tal-proposti dwar ir-Riżorsi Proprji (żewġ laqgħat³).
4. Billi tidentifika l-elementi possibbli tal-abbozz futur tal-Kaxxa ta' Negożjar, il-Presidenza tixtieq tipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva tal-kwistjonijiet u l-għażliet possibbli kollha li jeħtieġ jiġu diskussi u ssimplifikati aktar fil-livell politiku. L-elementi possibbli tal-abbozz futur tal-Kaxxa ta' Negożjar jitfasslu u jiġu żviluppati taħt ir-responsabbiltà unika tal-Presidenza. Dawn mhuma vinkolanti għall-ebda delegazzjoni.
5. Il-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc dwar il-QFP l-ewwel iddiskuta l-istruttura possibbli għall-abbozz futur tal-Kaxxa ta' Negożjar. Wara, matul diversi laqgħat, id-delegazzjonijiet kellhom skambju ta' fehmiet dwar elementi possibbli tal-abbozz futur tal-Kaxxa ta' Negożjar relatati ma' kwistjonijiet Orizzontali, l-Intestaturi I (Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali), III (Riżorsi Naturali u Ambjent), V (Sigurtà u Difiża) u VII (Amministrazzjoni Pubblika Ewropea). Il-COREPER ġie infurmat bil-ħidma li saret u pprovda gwida politika fit-3 u l-10 ta' Ottubru 2018.

¹ L-ewwel rapport ġie ppreżentat qabel il-Kunsill Affarijiet Ġenerali fit-18 ta' Settembru 2018 (dok. ST 11871/18)

² 19, 24 u 28 ta' Settembru 2018 u 5 ta' Ottubru 2018.

³ 21 ta' Settembru 2018 u 9 ta' Ottubru 2018.

6. Il-ħidma biex jiġu identifikati dawn l-elementi possibbli għadha għaddejja, billi dawn l-elementi ser ikompli jevolvu sabiex jittieħed kont tad-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc dwar il-QFP, il-grupp ta' ħidma dwar ir-Riżorsi Propriji, il-COREPER u l-KAG.
7. Il-Kummissjoni tkompli tiffaċilita l-ħidma fil-livell tekniku, b'mod partikolari billi tipprovdi tweġibiet addizzjonali għall-mistoqsijiet tad-delegazzjonijiet.

II. SITWAZZJONI ATTWALI FIL-KUNSILL

8. Mingħajr preġudizzju għad-diskussjonijiet li għaddejjin, il-Presidenza tixtieq tenfasizza għadd limitat ta' temi.

Kwistjonijiet orizzontali

9. Aktar ħidma hija meħtieġa sabiex jinstab il-**bilanċ it-tajjeb** sabiex il-baġit jindirizza l-isfidi u l-prijoritajiet politiċi attwali u futuri f'Unjoni ta' 27. Dan jinkludi l-Agrikoltura u l-Koeżjoni u l-kisba ta' riżultati fir-rigward tal-aġenda li ntlaħaq qbil dwarha mill-Mexxejja fi Bratislava u Ruma.
10. Minkejja li d-delegazzjonijiet kollha jappoġġaw l-idea ta' **flessibbiltà** adegwata, il-fehmiet ikompli jvarjaw fuq il-komponenti tagħha fir-rigward tal-istruttura globali tal-QFP. B'mod partikolari, għad hemm pożizzjonijiet differenti dwar il-kwistjoni ta' ċerti strumenti ta' flessibbiltà li jingħaddu 'l fuq jew taħt il-limiti massimi għall-impenji u l-pagamenti. Xi delegazzjonijiet iridu jissimplifikaw l-istruttura ta' dawn l-istrumenti, filwaqt li jenfasizzaw il-komplessità tas-sistema attwali.

Intestaturi Speċifiċi

11. Rigward l-**Intestatura I (Suq Uniku, Innovazzjoni & Diġitali)**, s'issa, id-dibattitu wera hteġa li jkompli jiġu diskussi l-kriterji ta' eċċellenza f'Orizzont Ewropa, il-komplementarjetà bejn il-programmi u t-trasferimenti mill-Fond ta' Koeżjoni għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE).

12. Rigward l-**Intestatura III (Riżorsi Naturali & Ambjent)**, minbarra l-importanza tal-oġġettivi bbażati fuq it-Trattati tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) u l-kontribut tagħha biex jintlaħqu l-miri tal-klima, il-punti li ġejjin ġew identifikati bħala ewlenin għad-diskussjonijiet li jmiss:
- i) il-konverġenza esterna ta' pagamenti diretti kif ukoll l-iffissar ta' limitu massimu għal dawn il-pagamenti diretti għal azjendi agrikoli kbar;
 - ii) il-kofinanzjament ta' żvilupp rurali, inkluż limitu massimu possibbli għal reġjuni fi transizzjoni;
 - iii) ir-riżerva agrikola.
13. Rigward l-**Intestatura V (Sigurtà & Difiża)**, id-dibattitu ffoka fuq l-appoġġ tal-Unjoni għal proġetti ta' dekommissjonar nukleari.
14. Rigward l-**Intestatura VII (Amministrazzjoni Pubblika Ewropea)**, id-delegazzjonijiet enfasizzaw l-importanza tat-trasparenza fir-rigward tal-ispejjeż amministrattivi u appellaw għal aktar titjib fl-effiċjenza u ffrankar f'Unjoni ta' 27 futura.

Riżorsi Propri

15. Sabiex tiffaċilita d-diskussjonijiet fil-grupp ta' ħidma dwar ir-Riżorsi Propri, il-Kummissjoni pprovdiet għadd ta' dokumenti tekniċi b'data u suppożizzjonijiet għall-projezzjonijiet tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT simplifikata proposta, ir-riżorsi proprji tal-UE ġodda proposti, ir-riżorsi proprji tradizzjonali (TOR) u r-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING. Għadha meħtieġa data addizzjonali mill-Kummissjoni sabiex ikunu jistgħu jsiru kalkoli preċiżi dwar l-impatt tal-proposti fuq il-kontribuzzjonijiet nazzjonali.

III. RELAZZJONIJIET MA' ISTITUZZJONIJIET OĦRA

16. F'konformità mal-approċċ deskritt fl-ittra tat-2 ta' Mejju 2018 mill-Prim Ministru Bulgaru Borissov, il-Presidenza kompliet bil-prattika stabbilita li torganizza skambji ta' fehmiet mar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew qabel u wara kull laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali meta l-QFP jkun fuq l-aġenda tagħha. Il-Presidenza ltaqgħet mar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew (PE) fis-17 ta' Settembru 2018 qabel il-laqgħa tal-KAĠ sabiex tinformahom dwar is-sitwazzjoni attwali u fil-25 ta' Settembru 2018 sabiex tinformahom dwar id-dibattiti li saru fil-laqgħa tal-GAC fit-18 ta' Settembru 2018.

17. F'dik l-okkażjoni, ir-rappreżentanti tal-PE qajmu l-mistoqsija tal-iskeda ta' żmien tan-negozjati dwar il-QFP u l-importanza ta' negozjati relatati dwar ir-Riżorsi Propriji. Huma spjegaw li l-PE ser jivvota dwar rapport fuq il-pakkett tal-QFP sa nofs Novembru, li mbagħad iwitti t-triq biex jintlaħaq qbil dwar il-mandati ta' negozjar tal-PE għall-maġġoranza tal-proposti settorjali.
18. B'segwitu għall-istedina li għamel il-COREPER lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) u lill-Kumitat tar-Regġuni⁴, il-KESE adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-pakkett tal-QFP⁵ fid-19 ta' Settembru 2018.

IV. IL-PASSI LI JMISS

19. Wara l-laqqha tal-KAĠ tas-16 ta' Ottubru 2018, il-Presidenza, flimkien mad-delegazzjonijiet, biħsiebha tkompli bl-istess approċċ u tidentifika, tiddiskuti u gradwalment telabora elementi possibbli addizzjonali ta' abbozz futur ta' Kaxxa ta' Negozjar.
20. Il-Kunsill Affarijiet Ġenerali ser jerġa' lura għal dan il-fajl fil-laqqha tiegħu tat-12 ta' Novembru 2018.

⁴ ara d-dok. ST 10993/18. Il-Kumitat tar-Regġuni huwa mistenni jadotta l-opinjoni tiegħu dwar il-pakkett tal-QFP fid-9 ta' Ottubru 2018.

⁵ ara d-dok. ST 12651/18